*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,083, 1 ta' Ġunju, 2007*
*Taqsima B*

**A.L. 148 ta' l-2007**

## ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
## (KAP. 363)

### Ordni ta' l-2007 dwar id-Delega ta' l-Amministrazzjoni ta' Faċilitajiet lill-Kunsill Lokali Mosta

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33(1)(m) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel l-ordni li ġej:–

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2007 dwar id-Delega ta' Amministrazzjoni ta' Faċilitajiet lill-Kunsill Lokali Mosta. Titolu.

**2.** Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 3 ta' dan l-ordni hija b'dan speċifikata għall-finijiet tad-delega ta' funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (m) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-ordni. Delega ta' funzjonijiet.

**3.** Il-proprjetà fil-lokalità ta' Mosta imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni tikkonsisti f'xelter taħt l-art fi Pjazza Rotunda, Mosta li jidher delineat fuq il-pjanta P.D.2007_9 mehmuża mal-Ftehim ta' Kiri għall-Amministrazzjoni u l-Użu tax-xelter taħt l-Art fi Pjazza Rotunda Mosta, mill-Kunsill Lokali Mosta, iffirmat mid-Direttur ta' l-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta u mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Mosta fis-27 ta' Frar, 2007. Deskrizzjoni.

**L.N. 148 of 2007**

## LOCAL COUNCILS ACT
## (CAP. 363)

## Delegation of Administration of Facilities to Mosta Local Council Order, 2007

IN exercise of the powers conferred by articles 33(1)(m) and 72 of the Local Councils Act, the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, has made the following order:–

Citation.

**1.** The title of this order is the Delegation of Facilities Mosta Local Council Order, 2007.

Delegation of functions.

**2.** The property described in article 3 of this Order is hereby being specified for the purposes of the delegation of functions mentioned in paragraph (m) of subarticle (1) of article 33 of the Local Councils Act, as from the date of the publication of this order.

Description.

**3.** The property in the locality of Mosta referred to in article 2 of the order consists of underground shelter at Pjazza Rotunda, Mosta as shown bordered on plan P.D. 2007_9 attached to the Lease Agreement for the Administration and Use of the underground shelter in Pjazza Rotunda Mosta, by Mosta Local Council, signed by the Director Land on behalf of the Government of Malta and the Mayor and Executive Secretary of the Mosta Local Council on the 27th February, 2007.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz/*Price*
Lm0.04 (€0.09)